## EŻAMIJIET ANNWALI TA’ L-ISKOLA PRIMARJA 2008

Taqsima ta’ l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta’ l-Edukazzjoni

| IS-SITT SENA | STUDJI SOĊJALI | ĦIN : Siegħa |
|---|---|---|

**Isem :** ________________________________________

**Klassi :** _________________ **TOTAL TAL-MARKI** [ ]

### A. Aqta’ sing taħt il-kelma jew il-frażi t-tajba.

1. Ritratti u tpinġijiet ta’ fossili li nstabu fil-Gżejjer Maltin issibhom mill-Internet bl-użu (tar-radju, tat-televixin, tal-kompjuter, tat-telefon).

2. It-tifrik, it-tkissir u t-tmermir ta’ l-art fil-gżejjer Maltin jista’ jsir bis-saħħa tal-mewġ tal-baħar u b’xi (terrimot, nixfa, uragan, vulkan).

3. Il-ġebel għall-bini tal-Belt Valletta nqata’ minn barriera (fis-Siġġiewi, fil-Qrendi, f’Kerċem, fil-Mandraġġ).

4. Il-Belt Valletta ssaħħet bħala fortizza bil-bini (tas-swar, tal-kerrejja, tal-palazzi, tal-monumenti).

5. It-toroq tal-Belt Valletta huma (mserrpin, mħarbtin, dritti, mgħawġin).

6. Il-kavallieri taw spinta lill-kultura fil-belt il-ġdida bil-bini (tad-djar privati, tat-teatru, ta’ l-infermerija, ta’ l-ifran).

**(6 marki)**

### B. Ir-Riħ

**B (i) Din hi l-Warda ta’ l-Irjieħ.**
**Ikteb l-ismijiet tad-direzzjoni tar-riħ li hawn nieqsa.**

**Tramuntana**

**Majjistral** ____________________

____________________ ____________________

____________________ **Xlokk**



**Nofsinhar**

**(4 marki)**

**B (ii) Imla l-vojt.**

Nużaw ____________________ biex inkunu nafu l-qawwa tar-riħ. Dan l-istrument ikun fih bħal kikkri li jduru bil-mod meta jkun hemm __________________ ħelwa u jduru ____________________ ħafna meta r-riħ ikun qawwi.

**(3 marki)**

**B (iii) Kompli imla t-tabella bil-kliem jew bin-numri t'hawn taħt.
L-ewwel waħda lesta.**

| | | |
|---|---|---|
| siġar jitqaċċtu | 20 | qawwi ħafna |
| 55 | ~~bandiera ma tiċċaqlaqx~~ | moderat |

| **Qawwa tar-riħ (kilometri fis-siegħa)** | **Riħ** | **X'Tara** |
|---|---|---|
| 0 | kalm | **<u>bandiera ma tiċċaqlaqx</u>** |
| _______ | ħafif |  |
| 36 | __________________ | trab itir |
| _______ | qawwi |  |
| 62 | __________________ | ________________________________ |

**(5 marki)**

## Ċ. Il-blat Malti

**Ċ (i) Ikteb x'jissejjħu.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | **materjal** bħal frak, ramel, ċagħaq, ħama u tajn **li nġarr mix-xmajjar u tpoġġa fil-qiegħ tal-baħar** | ________________ |
| 2. | il-**blat ġdid** li fforma minn materjal li nġarr mix-xmajjar u qxur ta' għadd kbir ta' ħlejjaq tal-baħar | blat ________________ |

**(2 marki)**

**Ċ (ii) Wieġeb.**

1. X'inhuma fossili?

______________________________________________________________________

2. Ikteb l-ismijiet ta' ŻEWĠ fossili komuni fil-blat Malti.

______________________________          ______________________________

**(3 marki)**

**Ċ (iii) It-tpinġija t'hawn taħt turi l-ħames saffi tal-blat ta' Malta. Ikteb l-ismijiet tas-saff tal-blat. Tnejn minnhom lesti.**




**(3 marki)**

**Ċ (iv) Aqra t-tagħrif dwar is-saffi differenti tal-blat Malti.**
**Ikteb l-isem tas-saff ta' blat.**
**L-ewwel wieħed lest.**







Blat ħamrani
Hu blat li jitfarrak malajr.
Jintuża biex jinbnew il-ħitan tas-sejjieħ.

**Ġebla s-Safra**

Blat bajdani jagħti fl-isfar
Hu blat artab iżda b'saħħtu biżżejjed biex nibnu bih.
Jintuża biex isiru knaten għall-bini u xaħx.

Blat bajdani fil-griż
Hu blat iebes ħafna.
Minnu jsir iż-żrar u r-ramel.

Blat griż jew ikħal skur
Hu blat artab.
Minnu jsiru oġġetti tal-fuħħar bħal važuni u pasturi.

Blat bajdani fil-griż
Hu blat iebes ħafna u jiflaħ saħħa kbira.
Minnu jsir il-ġir.

**(4 marki)**

**D. Forom ta' l-art**

**D (i) Qabbel billi tikteb numru fil-kaxxa l-vojta.
L-ewwel wieħed lest.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Daħliet mal-kosta li ffurmaw bil-mewġ tal-baħar u mtlew bir-ramel | | Għoljiet |
| 2 | Quċċati dojoq u oħrajn ċatti u wesgħin | | Widien |
| 3 | Blat għoli ħafna li jinżel dritt 'l isfel għall-baħar | | Portijiet |
| 4 | Artijiet fondi, niexfa fis-sajf u mimlijin ilma fix-xitwa | **1** | Bajjiet |
| 5 | Xquq fil-blat li mal-medda taż-żmien kibru u saru fondi bl-ilma tal-baħar jew tax-xita | | Irdumijiet |
| 6 | Daħliet kennija għad-dgħajjes u l-vapuri | | Għerien |

**(5 marki)**

**D (ii) Agħti isem ieħor ta':**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Wied | Wied il-Kbir, ________________________ |
| 2 | Irdum | Ta' Ċenċ, ________________________ |
| 3 | Għolja | Tal-Mellieħa, ________________________ |
| 4 | Bajja | Għajn Tuffieħa, ________________________ |
| 5 | Għar | Għar Ħasan, ________________________ |

**(5 marki)**





**E. Komunikazzjoni**



**E (i) Wieġeb**

1. Kif nistgħu nwasslu messaġġi lil xulxin?
   Ikteb **TLIET** eżempji.

a) ____________________ b) ____________________ ċ) ____________________

2. It-televixin, ir-radju u l-gazzetti huma mezzi ta' komunikazzjoni soċjali.
   Dawn kif qed isaħħu d-demokrazija fil-pajjiż?
   Ikteb **ŻEWĠ** eżempji.






a) ____________________________________________________________

b) ____________________________________________________________

3. X'għandhom jagħmlu l-membri ta' grupp biex il-komunikazzjoni waqt diskussjoni tkun effettiva?

a) ____________________________________________________________

b) ____________________________________________________________

4. Għaliex għandek taċċetta n-nuqqas ta' qbil waqt diskussjoni fi grupp?

____________________________________________________________

**(8 marki)**

**F. Aqra dwar l-Assedju l-Kbir.**



Fi żmien l-Assedju l-Kbir, La Vallette ried jibbaża d-difiża ta' Malta fl-Isla, fil-Birgu u fuq l-għolja Xiberras.
L-Imdina u ċ-Ċittadella f'Għawdex kienu mdawra bis-swar imma kienu dgħajfa wisq għax kienu 'l bogħod mill-bqija tad-difiża ta' l-Ordni.

**F (i) Wieġeb.**

1. Liema fortifikazzjonijiet kienu jħarsu l-ibliet ta' l-Isla u l-Birgu?

a) Il-belt ta' l-**Isla** kienet imħarsa mill- ______________________________

b) Il-belt tal-**Birgu** kienet imħarsa mill- ______________________________

2. Xi żvantaġġ kellu l-Forti Sant'Iermu? ______________________________

**(3 marki)**

**F (ii) Agħmel (✓) taħt VERU jew FALZ.**

| | | VERU | FALZ |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-flotta Torka tħalliet f'Marsamxett. | ✓ | |
| 2 | It-Torok għamlu l-kamp tagħhom il-Mosta. | | |
| 3 | It-Torok bdew l-attakk tagħhom fuq Sant'Iermu. | | |
| 4 | Wara, it-Torok attakkaw il-Birgu u l-fortizza ta' San Mikiel. | | |
| 5 | It-Torok rebħu l-fortizzi kollha. | | |
| 6 | It-Torok telqu minn Malta meta waslet l-għajnuna minn barra. | | |

**(5 marki)**

**F (iii) Semmi:**

**ŻEWĠ** raġunijiet għala t-Torok riedu jattakkaw lil Malta.

a) ______________________________

b) ______________________________

**TLIET** diffikultajiet li kellhom it-Torok waqt l-Assedju.

a) ______________________________

b) ______________________________

ċ) ______________________________

**(5 marki)**

## Ġ. Aqra dwar il-Bini ta' Belt Ġdida.

Il-Gran Mastru La Vallette ried jibni belt ġdida fuq l-għolja Xiberras. Hu talab l-għajnuna tal-Papa Piju V. Dan il-Papa bagħat perit biex ifassal il-pjanta tal-belt il-ġdida. F'Marzu ta' l-1566 beda x-xogħol fuq il-belt. Fi żmien ħames snin il-kavallieri marru jgħixu fiha. Din il-belt issemmiet Valletta f'ġieħ il-Gran Mastru li kien għadu kif mexxa r-rebħa kontra t-Torok.

### Ġ (i) Wieġeb.

1. Min kien il-perit li fassal il-pjanta tal-belt il-ġdida? ______________________

2. Min kien il-perit Malti li fassal ħafna mill-bini li hemm fil-belt Valletta?

   ________________________

3. Ikteb **ŻEWĠ** raġunijiet għala nbniet il-belt Valletta?

   a) ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________

   b) ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________

4. F'liema bini kienu jgħixu l-kavallieri ta' lingwi differenti? __________________

**(7 marki)**

### Ġ (ii) Ikteb x'insibu ġol-bini taħt ir-ritratt.
**L-ewwel waħda lesta.**

| | | |
|---|---|---|
| artali mnaqqxa | armerija tal-kavallieri | taqsima għall-ilsiera |
| ~~sett t'arazzi famużi~~ | kamra tesa' elfejn sodda | pitturi ta' nies famużi |





| Il-palazz tal-Gran Mastri | Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann | Is-Sagra Infermerija |
|---|---|---|
| **sett t'arazzi famużi** | ____________________ | ____________________ |
| ____________________ | ____________________ | ____________________ |

**(5 marki)**

## G. Il-Biedja

**G (i)** Ikteb **ERBA'** ismijiet t'**annimali li jitrabbew mill-bdiewa** fil-kolonna: **TROBBIJA TAL-BHEJJEM**

**(ii)** Ikteb **ERBA'** ismijiet ta' **frott** jew **ħxejjex li l-bdiewa jkabbru** fil-kolonna: **XOGĦOL TAR-RABA'**







| **IŻ-ŻEWĠ TAQSIMIET EWLENIN TAL-BIEDJA** | |
|---|---|
| **TROBBIJA TAL-BHEJJEM** | **XOGĦOL TAR-RABA'** |
| **Eżempju: <u>ħnieżer</u>** | **Eżempju: <u>basal</u>** |
| ____________________<br>____________________<br>____________________<br>____________________ | ____________________<br>____________________<br>____________________<br>____________________ |

**(8 marki)**

**G (ii) Semmi ĦAMES problemi fix-xogħol tal-bidwi.**

**Eżempju: <u>Ħamrija fqira</u>**

a) ________________________________________

b) ________________________________________

ċ) ________________________________________

d) ________________________________________

e) ________________________________________

**(5 marki)**

**GĦ. Agħżel WIEĦED minn dawn.**
**Ikteb 7 sentenzi dwaru.**
**In-noti jistgħu jgħinuk.**

1. **Ir-riċiklaġġ** - x'ikun riċiklaġġ,
   eżempji ta' kif jista' jsir b'materjal differenti,
   raġunijiet għalfejn isir.

2. **In-nawfraġju ta' San Pawl** - il-ġrajja tan-nawfraġju,
   għaliex Pawlu kellu jagħmel dan il-vjaġġ,
   kif ħassew ruħhom il-Maltin meta laqgħu fosthom lil Pawlu,
   l-importanza ta' din il-ġrajja għall-Maltin tal-lum.

**(14-il marka)**

**Tmiem il-Karta**